

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

PROVIŻORJU  
2006/0061(CNS)

20.9.2006

\*

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ  
(COM(2006)0180 – C6-0174/2006 – 2006/0061(CNS))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Marie-Hélène Descamps

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

### ***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

EXPOSÉ DES MOTIFS .....**Error! Bookmark not defined.**



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jgħedd mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (COM(2006)0180 – C6-0174/2006 – 2006/0061(CNS))**

### **(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0180)<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-artikolu 300, paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, u l-Artikoli 149 u 150 tat-trattat KE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 300, paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu tat-trattat KE, skond liema l-Kunsill kien ikkonsultat mill-Parlament (C6-0174/2006),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 83, paragrafu 7, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6 0000/2006),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
  2. Jitlob lill-President tiegħu jgħaddi l-pużizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

---

<sup>1</sup> Għadu ma ġiex ippubblikat fil-ĠU.

## NOTA SPJEGATTIVA

Sa mill-1995, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti implimentaw programm konġunt ta' koperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ professjonali.

Il-ftehma preżenti għedded il-programm ta' koperazzjoni għal perjodu 2006-2013 fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali konkluż fis-sena 2000 u oriġinarjament imwaqqaf fil-ftehma ta' l-1995.

Din il-ftehma għdida bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti iffirmata waqt is-samit bilaterali ta' Vjenna tal-21 ta' Ġunju 2006, tintegra ruħha fil-qafas ta' l-istrateġija ta' Liżbona li tipprevedi li tagħmel sa l-2010 is-sistema edukattiva ta' l-Unjoni Ewropea mudell għall-kumpliment tad-dinja.

Speċifikament maħsub biex jilħaq l-oġettivi ta' koperazzjoni bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti, dan il-programm għdid jintegra perfettament il-programmi previsti minn strumenti oħra tal-Komunità (bħal Socrates, Leonardo da Vinci jew "Erasmus Mundus") u l-programmi bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti.

Meta wieħed iqis l-evalwazzjonijiet li saru u l-esperjenza akkwistata, dan il-programm huwa maħsub sabiex jippromwovi l-komprensjoni mutwali bejn il-popli ta' l-Unjoni Ewropea u ta' l-Istati Uniti inkluż għarfien akbar tal-lingwi, tal-kulturi u ta' l-istituzzjonijiet tagħhom. Dan il-programm għandu wkoll l-għan li jtejjeb il-ftuħ u l-kompetittività tas-sistemi tagħna ta' l-edukazzjoni għolja u li jtejjeb il-kwalità tal-valorizzazzjoni tar-riżorsi umani minn naħa għall-oħra ta' l-Atlantiku.

Mogħtija baġit ta' 46 miljun Euro għal perjodu ta' tmien snin, din il-ftehma twaqqaf programmi innovattivi maħsuba biex jiġu stipulati diplomi transatlantiċi (diplomi komuni jew doppji), jiġu intensifikati l-iskambji u l-mobbiltà ta' l-istudenti, l-għalliema u professjonisti oħra, li jiġi infurzat il-programm Schuman-Fullbright maħsub għall-professjonisti u li tiġi inkoraġġita kollaborazzjoni istituzzjonali iktar mill-qrib fl-edukazzjoni għolja.

Sabiex jimplementa dawn l-oġettivi u jagħti enerġija għdida lill-koperazzjoni f'dan is-settur ta' l-edukazzjoni, hemm previsti numru ta' azzjonijiet, miġbura taħt il-programm ATLANTIS, speċjalment proġetti ta' konsorzji komuni bbażati fuq l-oqsma meqjusa bżonnjużi għall-koperazzjoni, proġetti ta' mobbiltà li jipprivileġġjaw l-eċċellenza u miżuri bbażati fuq il-politika.

L-implimentazzjoni ta' dan il-programm għandha tappoġġja 274 proġett u 6000 Ewropew u Amerikan li se jibbenefikaw minnhom.